**Anzjanità Attiva**

Fl-aħħar ċensiment li nġabar f'Malta juri li 56% tal-popolazzjoni li għandhom 'l fuq minn 65 sena huma nisa, tendenza li narawha wkoll fuq livell internazzjonali. F'dan ir-rigward, hemm diversi realtajiet li jridu jiġu rikonoxxuti, fosthom li n-nisa anzjani huma meqjusa grupp vulnerabbli. Ir-riċerka wriet li n-nisa kbar fl-età huma iktar f'riskju ta' esklussjoni soċjali, hemm iktar ċans li jkunu vittmi ta' reati, li jiġu abbandunati jew li jsofru vjolenza fizika/ psikoloġika, fost ħafna affarijiet oħra. F'dan l-ambitu, iridu jinħolqu l-istrutturi u inizjattivi neċessarji sabiex il-bżonnijiet ta' dawn n-nisa jiġu milħuqa.

Fuq livell nazzjonali, riċentament tnediet l-strateġija għall-anzjanità attiva: 2014 - 2020. Din l-istrateġija tisħaq fuq l-opportunità ta' parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol, fis-soċjetà u fil-ħajja independenti.

Huwa importanti li naghrfu l-importanza u l-kontibut tan-nisa anzjani fis-soċjetà tagħna u nwarrbu l-isterjotipi li jpinġu lin-nisa anzjani bħala piz u b'nuqqas ta' kapaċità.